



Brussell, 14 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5039/25

LIMITE

ECOFIN 32
UEM 31

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fis-Slovakkja

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fis-Slovakkja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 126(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 126 TFUE, l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits eċċessivi tal-gvern.
- (2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-oġettiv ta' finanzi governattivi sodi bħala mezz sabiex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli u inklużiv b'saħħtu bbażat fuq stabbiltà finanzjarja, u b'hekk jappoġġa li jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni għal tkabbir sostenibbli u impjiegi.
- (3) Fit-30 ta' April 2024 daħal fis-seħħ il-qafas riformat ta' governanza ekonomika tal-UE. Il-qafas jinkludi r-Regolament (UE) 2024/1263¹ tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97. Huwa jinkludi wkoll ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97² dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1265³ tad-29 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri.
- (4) Fis-26 ta' Lulju 2024, il-Kunsill iddeċieda, f'konformità mal-Artikolu 126(6) TFUE, li kien jeżisti defiċit eċċessiv fis-Slovakkja minħabba nuqqas ta' konformità mal-kriterju tad-defiċit⁴.

¹ ĠU L, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>.

² ĠU L 209, 2.8.1997, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1467/2024-04-30>.

³ ĠU L, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1265/oj>.

⁴ ĠU L, 1.8.2024, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2024/2129/oj>.

- (5) L-Artikolu 126(7) TFUE u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 jirrikjedu li l-Kunsill jadotta rakkomandazzjoni indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv f'perjodu stabbilit. F'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97, dik ir-rakkomandazzjoni sservi wkoll biex tiġi stabbilita skadenza massima ta' sitt xhur għal azzjoni effettiva li għandha tittieħed mill-Istat Membru kkonċernat biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv, li tista' titnaqqas għal tliet xhur meta jkun iġġustifikat mis-serjetà tas-sitwazzjoni. Barra minn hekk, fir-rakkomandazzjoni tiegħu, il-Kunsill għandu jirrakkomanda lill-Istat Membru jimplementa perkors tan-nefqa netta korrettiv⁵, li jiżgura li d-defiċit tal-gvern estiż jinġieb u jinżamm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG sal-iskadenza stabbilita f'dik ir-rakkomandazzjoni. Meta l-proċedura ta' defiċit eċċessiv tkun infetħet abbażi tal-kriterju tad-defiċit, il-perkors tan-nefqa netta korrettiv għandu jkun konsistenti ma' aġġustament strutturali annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju għas-snin meta d-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jaqbeż il-valur referenzjarju. Il-Kummissjoni tista', matul perjodu ta' tranżizzjoni fl-2025, fl-2026 u fl-2027, taġġusta l-parametru referenzjarju biex tqis iż-żieda fil-pagamenti tal-imgħax meta tkun qed tistabbilixxi l-perkors korrettiv propost għal dawk is-snin, b'qies tal-premessa 23 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264.

⁵ Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263, "nefqa netta" tfisser in-nefqa tal-gvern, netta min-nefqa fuq l-imgħax, mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, min-nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni, min-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, mill-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad, u minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra.

- (6) Fid-dawl tas-sottomissjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju f'konformità mal-Artikoli 11 u 36(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2024/1263, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2024 ikkunsidrat li l-pass li jmiss fil-proċedura ta' defiċit eċċessiv, jiġifieri r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7) TFUE dwar il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, isir flimkien mal-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013. Dan l-approċċ jippermetti li tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti baġitarji skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv u l-perkors ta' aġġustament stabbilit fil-pjanijiet fiskali strutturali fuq terminu medju. Din l-iskeda ta' żmien u l-qsim tad-deċiżjonijiet skont l-Artikolu 126(6) u l-Artikolu 126(7) huma eċċezzjonali u marbuta mat-tranżizzjoni għall-qafas il-ġdid, u għalhekk ma jistabbilixxux preċedent.
- (7) Fl-2023 il-PDG reali fis-Slovakkja żdied b'1,4 %. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, l-ekonomija hija mistennija li tikber bi 2,2 % fl-2024, minħabba konsum privat robust, għalkemm id-domanda għall-esportazzjoni mistennija tiddgħajjef. Fl-2025, il-PDG reali huwa mistenni li jiżdied bi 2,3 % u l-konsum privat u l-investment huma mistennija li jkunu l-ixpruni ewlenin. Ir-rata tal-qgħad hija mistennija li tilħaq 5,5 % fl-2024 u 5,3 % fl-2025. L-inflazzjoni mistennija tonqos minn 11,0 % fl-2023 għal 3,1 % fl-2024 u tilħaq 5,1 % fl-2025.
- (8) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat fit-22 ta' Ottubru 2024⁶, id-defiċit tal-gvern estiż fis-Slovakkja kien ta' 5,2 % tal-PDG fl-2023. It-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea jipprojetta defiċit tal-gvern estiż ta' 5,8 % tal-PDG fl-2024 u 4,7 % tal-PDG fl-2025, u b'hekk ogħla mill-valur referenzjarju fis-sentejn li huma. Id-defiċit strutturali huwa pprojettat għal 5,5 % tal-PDG fl-2024 u huwa mistenni li jonqos b'1,0 punti perċentwali fl-2025.
- (9) Fi tmiem l-2023, id-dejn tal-gvern estiż kien ta' 56,1 % tal-PDG. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, huwa pprojettat li jiżdied għal 58,9 % tal-PDG fi tmiem l-2024 u 59,8 % tal-PDG fi tmiem l-2025, u b'hekk jibqa' taħt il-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG.

⁶ L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat ippubblikati fit-22 ta' Ottubru 2024. Ara: <https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-euro-indicators/w/2-22102024-AP>.

- (10) Fl-15 ta' Ottubru 2024, is-Slovakkja ppreżentat l-ewwel pjan fiskali-strutturali nazżjonali fuq terminu medju tagħha, f'konformità mal-Artikoli 11 u 36(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2024/1263. Il-pjan ikopri l-perjodu 2025-2028 u jippreżenta aġġustament fiskali mifruq fuq 4 snin. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazżjonali fuq terminu medju tas-Slovakkja għas-snin mill-2025 sal-2028 tirrakkomanda perkors tan-nefqa netta li jqis ir-rekwiżiti kollha meħtieġa ta' perkors korrettiv u għandu jiġi rakkomandat bħala l-perkors tan-nefqa netta korrettiva skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Għaldaqstant, il-perkors tan-nefqa netta korrettiv huwa konsistenti ma' aġġustament strutturali annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala parametru referenzjarju għas-snin meta d-defiċit tal-gvern estiż ikun mistenni li jaqbeż il-valur referenzjarju, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97.
- (11) Fuq il-bażi tal-perkors tan-nefqa netta, bħala l-unika referenza operazzjonali tal-monitoraġġ tal-konformità, li huwa stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan tas-Slovakkja u f'din ir-rakkomandazzjoni, u fuq il-bażi tal-qafas tal-projezzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju tal-Kummissjoni Ewropea u t-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, id-defiċit tal-gvern estiż mistenni li jonqos minn 5,8 % tal-PDG fl-2024 għal 1,9 % sal-2027. Bl-istess mod, fuq il-bażi tas-suppożizzjonijiet tal-pjan, fl-2027 id-defiċit ser ikun taħt il-valur referenzjarju tad-defiċit ta' 3 %.
- (12) Fuq il-bażi tal-perkors tan-nefqa netta korrettiv li għandu jiġi rakkomandat, il-qafas tal-projezzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju tal-Kummissjoni Ewropea, u t-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni Ewropea, id-dejn tal-gvern estiż ser jiżdied minn 58,9 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 60,7 % fi tmiem l-2027.
- (13) Il-miżuri ta' konsolidazzjoni baġitarja għandhom jiżguraw korrezzjoni dejjiema tad-defiċit eċċessiv, filwaqt li jkunu mmirati lejn it-titjib tal-kwalità u l-għamla tal-finanzi pubbliċi, il-ħarsien tal-investiment u t-tiħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija. Ir-riformi ta' natura fiskali u ekonomika usa' għandhom itejbu l-potenzjal tat-tkabbir u tar-reżiljenza tal-ekonomija b'mod sostenibbli, u jappoġġjaw is-sostenibbiltà fiskali.

- (14) Il-Kunsill jieħu nota li l-metodoloġija preċiża għall-valutazzjoni ta' azzjoni effettiva fil-kuntest tal-qafas fiskali l-ġdid għadha ma ġietx elaborata bis-sħiħ u għalhekk iqis li diskussjoni f'waqtha dwar il-metodoloġija hija ġġustifikata.
- (15) F'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament 1467/97, deċiżjoni tal-Kunsill biex titħassar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv għandha tittieħed biss skont l-Artikolu 126(12) TFUE meta d-defiċit ikun tniżżel taħt il-valur referenzjarju u jkun ipprojettat mill-Kummissjoni li jibqa' hekk fis-sena attwali u dik ta' wara.

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

1. Is-Slovakkja għandha tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa netta ma taqbiżx il-massimi stabbiliti fl-Anness I.
2. Għaldaqstant, is-Slovakkja għandha ttejjem is-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv sal-2027.
3. Il-Kunsill jistabbilixxi l-iskadenza tat-30 ta' April 2025 biex is-Slovakkja tiegħu azzjoni effettiva u tippreżenta l-miżuri meħtieġa flimkien mar-rapport ta' progress annwali tagħha tal-2025, li għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2024/1263. Wara din id-data, is-Slovakkja għandha tirrapporta dwar il-progress li jsir fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni mill-inqas kull sitt xhur, sakemm id-defiċit eċċessiv ikun ikkoreġut.

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovakkja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

**Rati massimi ta' tkabbir nominali tan-nefqa netta
(rati ta' tkabbir annwali u kumulattivi, f'termini nominali)**

Is-Slovakkja

Snin		2025	2026	2027
Rati ta' tkabbir (%)	Annwali	3,8	0,9	1,6
	Kumulattiv*	10,3	11,2	13,0

* Ir-rati ta' tkabbir kumulattivi huma kkalkolati b'referenza għas-sena bażi tal-2023.